MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 530/1997/1

David Farrugia
vs
Direttur Xogholijiet Pubblici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Mejju 1987 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit minghajr raguni valida.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
F'Mejju 1987 huwa kien ilu jahdem mal-Public Works Department ghal madwar sena wara li kien temm kors ta' tliet snin bhala apprentist u nghata l-grad ta' Fitter. Huwa kien nghata xoghol fil-Garage tal-Gvern ta' Hal Kirkop. Ghal habta ta' April kienu hargu calls for applications ghal grad ta' Supervisor mal-Water Works Department.

Huwa kien ghamel l-interview u ghadda u nghata dan il-grad.

F'Mejju ta' l-istess sena huwa kien gie trasferit mal-Water Works Department Rahal Gdid.

Hemmhekk hadem ghal madwar erba' xhur biss ghaliex wara dan iz-zmien qasir rega' rcieva struzzjonijiet sabiex jerga' jmur lura l-Garage tal-Gvern ta' Hal Kirkop minghajr ebda raguni valida.

Ta' min isemmi li matul iz-zmien qasir li ghamel mal-Water Works huwa dejjem qeda dmiru sewwa u ghamel kull ma kien mistenni minnu.

B'dan it-trasferiment minghajr raguni valida huwa sofra danni finanzjarji billi tilef promozzjonijiet u overtime.

Ghaldaqstant hass li huwa gie trasferit u eventwalment imcahhad minn dawn il-promozzjonijiet ingustament minhabba t-twemmin politiku tieghu peress illi qabel l-elezzjoni tal-1987 kien voluntier il-Macina u peress li nbidel il-Gvern min kien imexxi l-garage tal-Gvern kien ta' twemmin politiku differenti u rega' gabu l-garage b'vendikazzjoni sabiex itellfu l-futur tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jiehu l-promozzjonijiet ta' chargehand u li jigi kkumpensat ta' dak kollu li huwa tilef ingustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5,000 jew kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie attaccjat fil-grad ta' ESTS b'effett mill-10 ta' Jannar 1983. Hu gie promoss ghal grad ta' Motor Mechanic Auto Fitter fl-10 ta' Frar 1986. Fl-4 ta' Mejju 1987 hu lahaq il-grad ta' Supervisor meta applika ghal sejha li nharget mid-Dipartiment ta' l-Ilma. Sussegwentament ir-rikorrent gie trasferit b'effett mill-4 ta' Awwissu 1987 u rega' rritorna fid-Dipartiment tax-Xogholijiet fl-4 ta' Frar 1988. Fl-1 ta' Jannar 1991 permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku, ir-rikorrent gie assimilat fil-grad ta' Supervisor, kariga li ghadu jgawdi sal-lum.

Illi mid-dokumenti li jipposjedi d-Dipartiment jirrizulta li d-Dipartiment tax-Xogholijiet mill-ewwel ghamel talba biex l-impjegati kollha li kienu successivi jibqghu jahdmu fi hdanu fil-kariga l-gdida li kienu hadu. Effettivament, din it-talba giet milquha minn Kastilja fis-6 ta' April 1989.

Illi stante l-fatt li r-rikorrent gie temporanjament trasferit ghal mad-Dipartiment ta' l-Ilma ma kkagunat l-ebda telf ta' promozzjonijiet, ghax ir-rikorrent xorta wahda seta' japplika ghas-sejhiet kollha li nhargu mid-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Fil-perjodu li jaqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal, id-Dipartiment tax-Xogholijiet harget is-sejhiet segwenti:

<u>Chargehand</u>
3/87 datata 13 ta' Jannar 1987
Ir-rikorrent ma applikax ghal din is-sejha datata 13 ta' Jannar 1987.

123/88 datata 14 ta' Novembru 1988.
Ir-rikorrent applika ghal din is-sejha datata 14 ta' Novembru 1988 u nghata n-numru 178 bhala numru ta' referenza. Hu gab 33 marka minn total ta' 100 u ghaldaqstant ma ssodisfax il-kriterji pristabbiliti tal-Bord.

A/W.T.O.
2/87 datata 13 ta’ Jannar 1987
Ir-rikorrent ma applikax ghal din is-sejha.

117/88 datata 4 ta’ Novembru 1988
Ir-rikorrent ma applikax ghal din is-sejha.

W.T.O.
27/88 datata 4 ta’ Marzu 1988

Ir-rikorrent applika ghal din is-sejha u nghata n-numru 319 bhala n-numru ta’ referenza. Izda hu assenta ruhu u abbazi ta’ hekk ma setax jigi kunsidrat ghall-promozzjoni.

50/88 datata 15 ta’ April 1988
Ir-rikorrent ma applikax ghal din is-sejha.

3/90 datata 11 ta’ Jannar 1990
Ir-rikorrent ma applikax ghal din is-sejha.

4/90 datata 11 ta’ Jannar 1990
Ir-rikorrent ma applikax ghal din is-sejha.

38/92 datata 6 ta’ Mejju 1992.
Ir-rikorrent applika ghal din is-sejha u nghata n-numru 106 bhala n-numru ta’ riferenza, izda din is-sejha twaqqfet minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li gie trasferit ghal garaxx tal-Gvern ghall-ebda raguni u b’hekk tilef

hafna flus f'overtime li skond ma sostna hu kienu Lm4800 sal-lum. Semma li kien applika ghal chargehand u ghamel interview. Semma xi nies li hadu l-promozzjoni ta' chargehand u kienu anqas kwalifikati minnu u fosthom John Mary Zammit u Carmel Ferriggi specjalment tal-ewwel li anqas biss jaf jikteb waqt li r-rikorrent sostna li ghandu s-City and Guilds. Sostna li kwazi dawk kollha li lahqu kienu tal-kulur politiku tal-Gvern u li qabzu min kellu gradi anqas minnu.
Ir-rikorrent in kontro-ezami qal li ghall-promozzjonijiet applika darbtejn mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Wahda minnhom li kien applika kienet ghall-grad ta' chargehand u ma kienx attenda ghaliha. L-ohra li kienet ghall-grad ta' WTO ma kienx attenda ghaliha peress li kien ma jiflahx. Kompla jghid li peress li gie trasferit mill-Water Works, huwa tilef hafna overtime peress li mal-Water Works l-overtime huwa permanenti.

<u>Saviour Grima</u> Assistant Principal li qieghed fis-section tal-accounts qal li jaf lir-rikorrent fiz-zmien li gie trasferit. Jiftakru fil-grad ta' fitter. Il-Water Works ir-rikorrent kien fl-istess section bhalu. Huwa qal li r-rikorrent mal-Water Works kien jaghmel xoghol ta' storekeeper. Nies tahtu li kellhom gradi inqas minnu kien hemm. Meta gie l-Water Works ir-rikorrent kellu l-grad ta' supervisor u qal li ma tantx kien jaghmel overtime ghax kienu jaghmlu overtime dawk li kienu jahdmu fuq barra. Qal ukoll li r-rikorrent kien bniedem li tista tafdah u m' hemmx bzonn supervizjoni fuqu.

Xehed <u>Anthony Bonnici</u> fejn qal li jiftakar lir-rikorrent il-garaxx tal-Gvern Hal-Kirkop ghall-habta ta' l-1987, wara kien gie trasferit il-Water Works. Qal li wara xi erba' xhur kien gie lura l-garaxx tal-Gvern Hal-Kirkop. Qal li r-rikorrent kien fi Grupp D.

Xehed <u>Paul Scicluna</u> bhala rapprezentant tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici fejn qal li referenza tar-rikorrent ghal John Mary Zammit u Carmel Ferrigi mill-verifiki jidher li dawn ma gewx promossi fis-sejha ghall-promozzjoni li rrifera ghaliha r-rikorrent. Qal li Ferrigi lehaq chargehand fl-1990. Irrefera ghal dokument esebit a fol 22 tal-process

fejn jidhru dawk li lehqu chargehand fl-1988. Dwar it-trasferiment tar-rikorrent qal li dan kien trasferiment in block. Zied li kull min kien jahdem fid-Dipartiment tax-Xogholijiet kien intbaghat lura f' dik il-kategorija bi ftieheim mad-Dipartiment tal-Ilma u ma' Kastilja.

Walter Attard rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet xehed li r-rikorrent applika ghas-sejha ta' chargehand fl-14 ta' Novembru 1988 u kif jidher minn fol 55 tal-process ottjena 33 marka minn 100 u ghalhekk ma ssodisfax il-kriterji tal-ghazla. John Mary Zammit u Carmel Ferriggi li dwarhom ir-rikorrent sostna li kienu hadu l-appointment fil-fatt ma kienux hadu l-promozzjoni fid-data msemmija. Zied jghid li biex tapplika ghall-grad ta' chargehand skond is-sejha ghall-applikazzjoni kien sufficjenti li kandidat ikun fi grupp D. Il-gradi ta' fitter u engine driver huma gradi li jaqghu taht grupp D. Il-grad ta' MTD u labourer jaqghu taht grupp D imma fiz-zmien tas-sejha ghall-applikazzjoni dawn iz-zewg gradi kienu jaqghu taht gruppi ohrajn. Fir-rigward ta' Mario Mangion, Gerome Busuttil, u Coronato Calleja qal li mill-verifiki dawn hadu l-grad ta' chargehand minn grupp D, ghalkemm ma kienux fi grupp D izda setghu japplikaw ghall-grad ta' chargehand propju ghax kellhom kaz pendenti quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji. Zied jghid li l-ismijiet Wally Farrugia, James Camilleri u Charles Grima ma jidhrux li gew trasferiti mill-Water Works ghalhekk jista' jkun li baqghu l-Water Works Department.

Manuel Cortis rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici xehed li John Mary Zammit u Carmel Ferriggi kienu saru chargehand fl-1990. Zied jghid li kien hemm nies li kienu labourers u hadu l-grad ta' chargehand ghax kienu eligibbli li japplikaw. Ikkonferma li r-rikorrent kien fil-grad ta' supervisor li hu oghla mill-grad ta' labourer.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li wara li r-rikorrent kien lahaq Supervisor kien gie trasferit mid-Dipartiment tax-Xogholijiet ghal dak tal-Ilma izda gie trasferit lura fl-4 ta'

Frar 1988. Illi r-rikorrent ma gab ebda prova li dan it-trasferiment sar kawza ta’ xi ingustizzja ghax anzi jidher li minhabba li d-Dipartiment tax-Xogholijiet kellu bzonn ta’ aktar nies kienu gew trasferiti en block numru ta’ haddiema. Ma rrizultax li r-rikorrent intbaghat jahdem f’ xi grad jew xoghol mhux tieghu, jew f’ xi kundizzjonijiet hziena, jew ‘il boghod mid-dar jew ghal xi ragunijiet politici. Huwa veru li kawza ta’ dan ir-rikorrent tilef l-overtime izda dan mhux sufficjenti biex wiehed isib li saret ingustizzja.

Fil-perjodu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal kienu hargu disa’ sejhiet li sitta minnhom ir-rikorrent anqas biss applika ghalihom. F’ ohra, 27/88 ir-rikorrent applika izda assenta ruhu. Fit-38/92 kien applika ghaliha izda giet irtirata minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma.
Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta’ Marzu, 1999 fejn insibu:

“Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li “Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.” L-istess kriterji japplikaw ghac-cirkolari 38/92 dwar dak li ntqal dwar it-37/92.

Jibqa’ biss li wiehed jara l-applikazzjoni 123/88 li fiha r-rikorrent nghata 33 marka minn 100. Irrizulta li John Mary Zammit u Carmel Ferriggi kuntrarjament ghal dak li qal ir-rikorrent ma kienux hadu l-promozzjoni. Ir-rikorrent naqas li jgib provi li hu kien haqqu aktar li jiehu l-promozzjoni u certament ma gab ebda prova li hu ma hax il-promozzjoni kawza ta’ transfer ghax tali transfer b’ ebda mod ma jaffettwa promozzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat u ghalhekk jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.